MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2354/2004

**Paul Marmara' [ID. 799960 (M)] ghan-nom tad-ditta Marmara' Camilleri & Co.**

**Vs**

**I.R.O. Limited (C-29503)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tmien mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm839.50c) rapprezentanti servizzi professjonali moghtija lilha illi baqghu ma thallsux u dan nonostante illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas.

Id-ditta attrici qed titlob ukoll l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-gurnata tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta illi giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Antoine Naudi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------